*- DISPREZZ -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' Jannar 2002**

**Kawza Numru: 25**
**Citazzjoni Numru: 1874/98/RCP**

**Registratur tal-Qrati Superjuri**

**vs**

**Dominic Azzopardi fil-kwalita` tieghu ta' Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Marsascala**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi b'mandat ta' sekwestru numru 3439/95 tat-8 ta' Awwissu 1995, fl-ismijiet "Noel Mallia bhala direttur ghan-nom u in

rappresentanza tas-socjeta` Rockfile Investments Limited versus Alphonse Anastasi" il-konvenut gie ordnat izomm ghandu bhala sekwestrata s-somma ndikata fl-istess mandat, dokument "XI".

Illi b'rikors ipprezentat fl-4 ta' Gunju 1998, Noel Mallia fil-kwalita` tieghu premessa gieb ghall-konjizzjoni ta' din il-Qorti li jidher li l-imsemmi Sindku konvenut m'hux qed jirrispetta d-digriet ta' din il-Qorti u s-sekwestratarju Alphonse Azzopardi xorta qed jiehu l-paga tieghu fl-intier taghha, u l-istess Sindku konvenut irrifjuta li jiddepozita l-flus nonostante li gie diversi drabi nterpellat biex jaghmel dan, dokument "X2".

Illi fuq dan ir-rikors il-Qorti, b'digriet tal-1 ta' Lulju 1998, ordnat lill-attrici tiehu l-passi mehtiega ghal disprezz, dokument "X3".

L-istess attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) issibu hati ta' disprezz ghall-awtorita` taghha fit-termini tat-Titotu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12); u

(2) tikkundannah ghall-pieni preskritti mill-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li hu minn issa ngjunt ghas-subizzjoni, u bit-twissija li jekk ma jidhirx huwa jista' jigi mgieghel biex iwiegeb ghall-akkuza bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 2 tal-process;

Rat in-Nota ta' Dominic Azzopardi tal-11 ta' Marzu 1999 (fol. 14 u 15).

Rat il-verbali tat-23 ta' Marzu 1999, tat-2 ta' Gunju 1999, tat-28 ta' Ottubru 1999 u tad-9 ta' Frar 2000 fejn din il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tar-Registratur tal-Qorti tal-24 ta' April 2000 u d-digriet tal-Qorti tal-24 ta' April 2000 fejn irriappuntat il-kawza ghall-25 ta' Mejju 2000.

Rat il-verbali tal-25 ta' Mejju 2000 fejn xehdu Noel Mallia u Alphonse Anastasi, tas-27 ta' Gunju 2000, tal-10 ta' Lulju 2000, tal-5 ta' Dicembru 2000, tal-14 ta' Frar 2001, tal-14 ta' Marzu 2001, tal-5 ta' Gunju 2001 u tal-11 t'Ottubru 2001 fejn xehdu Dominic Azzopardi u l-Avukat Franco Vassallo. Dr Zammit iddikjara li m'ghandux provi aktar u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-8 ta' Jannar 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. PROVI PRODOTTI.

Illi din il-kawza saret stante li qed jigi allegat li l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Nru 8439/95 fl-ismijiet "Noel Mallia bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` "Rockfile Investments Limited vs Alphonse Anastasi" l-konvenut gie ordnat bhala sekwestratarju sabiex izomm is-somom hemm sekwestrati appartenenti lill-intimat, izda l-istess konvenut bhala sindku ma ottemporax ruhu mal-istess, tant li l-intimat fl-istess mandat xorta baqa' jithallas mill-istess Sindku, li wkoll irrifjuta li jiddeposita l-effetti kollha appartenti lill-istess intimat nonostante li gie interpellat sabiex jaghmel dan.

Illi jirrizulta li l-konvenut irritorna c-citazzjoni lilu notifikata fit-22 ta' Frar 1999 permezz ta' nota tal-11 ta' Marzu 1999 stante li sostna li huwa ma kienx ghadu Sindku b'effett minn Frar 1997, u ghalhekk ma setghax jirrispondi fil-kwalita` tieghu ta' Sindku tal-Kunsill Lokali ta' "Marsascala" kif citat fic-citazzjoni attrici ipprezentata fl-24 ta' Settembru 1998.

Illi kienet kont tal-premess, il-konvenut ma ipprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet, u stante li l-attur baqa' jezigi li din il-kawza titkompla, din il-kawza ser tigi deciza abbazi tal-provi prodotti u r-rizultanzi relattivi.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li **Noel Mallia** fix-xhieda tieghu tal-25 ta' Mejju 2000 kkonferma l-hrug tal-mandat ta' Sekwestru premess, li skond hu gie notifikat lill-Alphonse Anastasi li xorta hallas lill-intimat, ghalkemm kellu f'idejh Lm402 skond kif qallu l-avukat tieghu. Saret sejha ta' Depozitu Numru 3045/95 izda flus ma kienx hemm. L-intimat kien impjegat mal-istess Kunsill ta' Marsascala.

Illi min-naha tieghu **Alphonse Anastasi** sostna li huwa jahdem mal-istess Kunsill, u huwa s-segretarju tieghu b'effett mis-sena 1995. Sostna li kien hallas Lm400 u kien hallihom f'idejn is-Sindku ta' dak iz-zmien, u dan billi jircievi l-paga kollha u mbaghad ihallas lill-istess Sindku Dominic Azzopardi.

Illi min-naha l-ohra **Dominic Azzopardi** sostna li huwa personalment qatt ma gie notifikat bil-mandat u Alphonse Anastasi qatt ma nformah b'xejn bl-istess Mandat u ghalhekk il-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet premessi mertu tal-kawza odjerna qatt ma ha konoxxenza tieghu; zied jghid li huwa qatt ma rcieva flus minghand Alphonse Anastasi, u sar jaf biss bl-istess mandat wara li rcieva c-citazzjoni attrici odjerna.

Illi fl-ahharnett **l-Avukat Dr Franco Vassallo** xehed fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2001 fejn sostna li wara id-dikjarazzjoni tal-konvenut ma hemmx lok izjed ghall-istess proceduri. Noel Mallia kien klijent tieghu u kien hareg mandat f'idejn il-Kunsill Lokali ta' Marsascala, pero` dwar

dan qatt ma kellem lill-Alphonse Anastasi, hlief bhala xhud fil-kawza, u dan ma kellmux ghaliex il-parti l-ohra kellha l-avukat taghha.

**<u>B. PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi tajjeb li jigi rilevat illi l-kawza odjerna titratta dwar kawza ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Bhala tali taqa' taht id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 988 sa 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** u dwar il-principji li jirregolaw l-istess istitut qed issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Registratur tal-Qorti Superjuri vs Dolores sive Didi Busietta"** deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fit-18 ta' Ottubru 2000 (Citaz. Numru. 1914/98/RCP).

Illi fl-istess sentenza giet citata d-decizzjoni "**Catherine Portelli vs Joseph Cachia et noe**" (A.K. 28 ta' Jannar 1991) fejn inghad li tali artikoli huma intizi sabiex:-

"*Tiddisponi li certi atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u tippreskrivi l-pieni li ghandhom jigu nflitti fuq min jinsab li jkun ikkommetta xi att minn dawk. F' dawn il-kazijiet il-ligi tispecifika l-pieni tac-canfira, ta' l-ammenda jew multa, jew tad-detenzjoni preskritti mill-Kodici Kriminali. Mill-premess jidher car li dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess procediment gie introdott b' citazzjoni, cioe` l-att li ordinarjament jintuza f' azzjonijiet civili, u ma jnehhi xejn min-natura kriminali. Ic-citazzjoni f'*

*dan il-kaz ma hija xejn hlief it-tahrika ta' "l-akkuzat" biex jidher biex iwiegeb ghall-akkuza **(Artikolu 998 tal-Kap 12)**.*"

Illi wkoll jinghad li l-procediment odjern huwa skond is-sentenza "**Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri**" (P.A. C.C 9 ta' Novembru 1990):-

"*Stabbilit mill-ligi, aktar milli bl-iskop li tigi kustodita d-dinjita` tal-Qorti, biex tigi tutelata l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja*."

Illi ovvjament dawn ir-regolamenti huma mehtiega sabiex tinzamm l-ordni tant li l-Qorti fis-sentenza taghha **"Il-Qorti vs George Galea"** (A.C. H.H. 14 ta' Marzu 1988. LXXII.ii.228) sostniet:-

*"li jehtieg li kulhadd jifhem tajjeb li biex tinzamm il-buon ordni f'socjeta` hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Il-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jinjora l-inibizzjoni tal-Qorti, qallu x'qallu haddiehor".*

Illi skond kif intqal fis-sentenza **"Dr. Louis Vella *proprio et nomine vs* Joseph Gatt"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2001) dan ifisser *"li tali regolamenti qeghdin hemm sabiex b'mod effettiv jigi accertat li hadd ma jista' jmur kontra l-ligi u jinora l-ordnijiet li taghti il-Qorti'.*

Illi inoltre kif intqal fis-sentenza **"Catherine Portelli vs John Cachia"** (A.C. 28 ta' Jannar 1991 – LXXV.526) *"dawn il-provedimenti li jikkonsistu fl-artikoli minn 988 sa 1003 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) bihom il-ligi tiddisponi li certi atti jikkostitwixu disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti u tippreskrivi l-pieni li ghandhom jigu inflitti fuq min jinsa li jkun ikkommetta xi att minn dawk………..."*

*"Mill-premessi jidher car li dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess procediment gie introdott bic-citazzjoni, cjoe' l-att li ordinarjament jinizja l-kawza civili, ma jaghtix lil dan il-procediment in-natura civili, u ma jnehhilu xejn min-natura kriminali. Ic-citazzjoni f'dan il-kaz m'hijiex hlief it-tahrika tal-akkuzat biex jidher biex iwiegeb ghall-akkuza (**Artikolu 998 Kap12**)".*

Illi tajjeb li jigi rilevat li il-ligi tiddistingwi dwar diversi tipi ta' disprezz u cioe` l-post fejn tali att ikun allegatament sar, cioe` jekk hux quddiem il-Qorti jew banda ohra (**Art 988 u 989 tal-Kap 12**), kontra min sar u cioe` jekk hux *di fronte* l-ufficcjal tal-Qorti jew haddiehor (**Art 995**), jew minn min (**Art 996**) b'dan li l-Qorti qed timmira li tolqot kull ghemil iehor li jitqies wiehed ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u mhux xi wiehed imsemmi fl-**Artikolu 997**. In-nuqqas ta' tharis tar-regolamenti jikkostitwixxi disprezz u l-penalitajiet moghtija jiddependu skond in-natura tad-disprezz.

Illi fil-kawza "**L-Pulizija vs Meinrad Callejja**" tat-8 ta' Gunju 1998 (Qorti tal-Magistrati), inghad:

*"Huwa ovvju, anke minn ezami anke superficjali tad-disposizzjonijiet applikabbli li d-distinzjoni basilari bejn l-imgieba mhux xierqa li ssir 'infaciem curiae' u dik li ma ssirx hekk hija netta u l-kazi huma trattati b'mod differenti u dana gustament. Fl-ewwel kaz, il-ligi trid taghti lill-gudikant ilmezzi biex immedjatament igib ghall-ordni lil min jittanta jfixkel il-kors tal-gustizzja u dana biex tassikura li xejn ma jimpediha milli tesercita d-doveri taghha b'intervent repentin u awtorevoli. Fit-tieni kaz fejn id-disprezz ikun sar barra mill-ambitu tal-proceduri quddiemha, il-ligi tipprovdi li jigi assikurat li min ikun akkuzat li jkun hati ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti jinghata opportunita` shiha li jiddefendi ruhu minn din l-akkuza" [kollez. Vol: **LXXXII.ii. 187];***

Illi fis-sentenza "**Registratur tal-Qrati Superjuri vs Lygia sive Luigia Saliba**" (P.A. JRM 7 ta' Mejju 2001) inghad:

"*Illi wahda mis-setghat ewlenin ta' kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet lil xi hadd, kemm jekk biex dik il-persuna taghmel xi haga, jew biex dik il-persuna ma taghmilx xi haga. Il-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz ghall-awtorita` li, bis-sahha taghha, dik l-ordni tkun inghatat. Kif jghallem Denning: "This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt" (cfr. In Re Bramblevale Limited (1970)]".* **("Registratur tal-**

**Qorti Superjuri vs Anna Mizzi"** – P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2001).

Illi, minbarra dan, l-akkuza ta' disprezz iggib maghha l-htiega li tigi ppruvata, minn min qieghed jixli, l-intenzjoni tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'hekk l-awtorita` taghha.

Illi fl-istess sentenza inghad ukoll illi dik l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni moghti lilha bhala wiehed korrett jew le: is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jithassarx b'ordni ohra tal-Qorti nnifisha, huwa raguni oggettiva li torbot lill-mixli li joqghod ghaliha, jaqbel jew ma jaqbilx maghha. Hekk jirrizulta ukoll anke jekk wara rrisulta li l-ordni tal-Qorti kien wiehed null, u dan kif gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet "**Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella**" (A.C. 7 t'Ottubru, 1997), b'dan ghalhekk li tali procedura ta' disprezz hija ntiza mhux biex l-attur jirbah xi haga izda biss li tigi zgurata u mharsa l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja ("**Il-Qorti vs Antoine R Camilleri"** – LXXIV.iii.546).

Illi ghalhekk huma fuq dawn il-binarji li din il-Qorti ghandha tikkonsidra t-talbiet attrici u l-agir tal-konvenut fil-konfront tal-istess.

## C. APPLIKAZZJONI GHALL-KAZ *DE QUO.*

Illi nonostante l-premessi fic-citazzjoni attrici fl-ewwel lok jinghad li mill-provi prodotti u mid-dokumenti esebiti ma jirrizultax li l-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 3439/95 gie effettivament moghti lill-istess konvenut Dominic Azzopardi, tant li mir-riferta relattiva tal-istess mandat a fol. 8 tal-process jirrizulta li l-istess notifika saret lill-Alphonse Anastasi.

Illi in oltre jirrizulta wkoll li mix-xhieda ta' Alphonse Anastasi innifsu imkien ma huwa msemmi li huwa ghadda kopja tal-istess Mandat ta' Sekwestru lill-istess konvenut *qua* Sindku tal-Kunsill ta' Marsascala, b'dan li ghalhekk l-attur ma gab ebda prova konkludenti jew ghalinqas sodisfacenti li l-konvenut Dominic Azzopardi gie mgharraf bl-imsemmi ordni tal-Qorti kontenuta fil-Mandat ta' Sekwestru premess.

Illi dan ifisser li allura l-istess konvenut ma jistax jinstab hati li huwa njora l-ordni tal-Qorti msemmija la darba ma giex ippruvat li huwa kien konxju tal-istess ordni, u fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta a dirittura l-kuntrarju u cioe` li s-segretarju Alphonse Anastasi qatt m'ghadda l-kopja tal-istess Mandat lill-istess konvenut.

Illi fl-istess citazzjoni saret ukoll l-allegazzjoni li l-konvenut *qua* Sindku irrifjuta li jiddeposita l-flus dovuti lill-Alphonse Azzopardi nonostante li gie nterpellat biex jaghmel dan, u

hawn hekk saret referenza ghad-dokument X2 anness mac-citazzjoni attrici.

Illi l-istess dokument appena msemmi jikkonsisti f'rikors li kien ghamel Noel Mallia noe fl-4 ta' Gunju 1998 fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni fejn hemm allegat li s-Sindku ta' dak iz-zmien il-konvenut odjern ma kienx qed jirrispetta l-ordni tal-Qorti u l-interpellazzjoni sabiex jiddeposita l-ammont ta' flus hekk sekwestrati, izda ma gie esebit l-ebda dokument li in verita` jipprova li saret tali interpellazzjoni jew inkella att gudizzjarju li fih jikkontjeni s-sejha ghad-depositu.

Illi allura f'dawn ic-cirkostanzi jirrizulta li l-attur naqas li jipprova bil-mod previst mill-ligi li kienet tezisti sejha ghall-depositu *di fronte* tal-istess konvenut, tant li l-att innifsu li allegatament gie interpellat bih l-istess konvenut qatt ma gie esebit mill-attur, u allura anke f'dan ir-rigward ic-citazzjoni attrici ma tistax tirnexxi.

Illi dan kollu qed jinghad apparti mill-konsiderazzjoni tal-veste li biha gie mharrek il-konvenut, u immaterjalment jekk l-istess konvenut, illum ghadux Sindku jew le, ghaliex mill-provi prodotti jirrizulta li ghalkemm l-istess konvenut Dominic Azzopardi, kien Sindku fil-mument tal-hrug tal-Mandat ta' Sewkestru inkwistjoni, xorta ma giex ippruvat li huwa kien ufficcjalment jew informalment notifkat bl-istess att gudizzjarju, u l-istess japplika ghall-interpellazzjoni

ghas-sejha ghad-depozitu konsegwenti ghall-istess mandat kawtelatorju.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, u f'dak li tista' wkoll tigi kkunsidrata bhala l-kontumacja tal-konvenut, jirrizulta li t-talbiet attrici ma gewx ippruvati, aktar u aktar f'proceduri ta' din ix-xorta ta' disprezz, u ghalhekk fid-dawl tal-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur, minhabba li huwa ma rnexxilux jipprova l-allegazzjonijiet minnu vantanti fil-konfront tal-konvenut, ukoll fil-kwalita` tieghu premessa.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tichad it-talbiet attrici** stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt anke ghaliex bl-ebda mod ma gew ippruvati mill-istess attur.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**8 ta' Jannar 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**8 ta' Jannar 2002**